DEĊIŻJONI (UE) 2020/655 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Mejju 2020

li tadotta regoli implimentattivi dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2007/1 (BĊE/2020/28)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi regoli ġenerali li jipproteġu persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u li jiżguraw il-moviment liberu ta' *data* personali fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u jistabbilixxi l-prinċipji u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni.

(3) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni kollha u l-moviment liberu ta' *data* personali fl-Unjoni, jeħtieġ li kemm jista' jkun jiġu allinjati r-regoli tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* adottati għas-settur pubbliku fl-Istati Membri. Kull meta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 isegwu l-istess prinċipji bħad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, dawk iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod omoġenju, b'mod partikolari minħabba li l-iskema tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandha tinftiehem bħala ekwivalenti għar-Regolament (UE) 2016/679.

(4) L-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jeħtieġ li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*. Skont l-Artikolu 45(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jadottaw aktar regoli ta' implimentazzjoni dwar l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom b'mod partikolari jikkonċernaw il-kompiti, id-dmirijiet u s-setgħat tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*.

(5) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u f'konformità mal-prattika tal-passat, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' jiġi awtorizzat biex ikopri wkoll kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-rigward tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) jekk il-Bord Ġenerali tal-BERS jiddeċiedi li jaħtar l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-BĊE bħala l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-BERS.

(6) Ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu wkoll kif is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u kif il-persuni responsabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni.

(7) Filwaqt li l-BĊE huwa l-entità legali responsabbli għall-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali kemm taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725 kif ukoll taħt din id-Deċiżjoni, l-operazzjonijiet ta' pproċessar jistgħu jitwettqu, fil-prattika, minn unitajiet organizzattivi differenti fi ħdan il-BĊE.

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(8) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 jippreskrivi liema rimedji huma disponibbli għal suġġett tad-*data* għal ilmenti li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-*data* kontra istituzzjoni tal-Unjoni, inkluż id-dritt li wieħed jippreżenta lment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* kif stabbilit fl-Artikoli 63 u 68 ta' dak ir-regolament. Għaldaqstant, il-membri tal-persunal tal-BĊE għandhom jibbażaw fuq dawn ir-rimedji għal ilmenti li huma jagħmlu bħala suġġetti tad-*data* li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-*data* wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni minflok ir-rimedji kkontemplati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(9) Il-BĊE biħsiebu jipprovdi separatament għal restrizzjonijiet li jikkonċernaw prinċipji, drittijiet u obbligi speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* f'ċerti ċirkostanzi ddefiniti tajjeb kif ikkontemplat fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u għalhekk id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun l-1 ta' Novembru 2020 sabiex ikun jista' jsir provvediment separat għal dawk ir-restrizzjonijiet.

(10) Minħabba r-revoka tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 permezz tar-Regolament (UE) 2018/1725, id-Deċiżjoni BĊE/2007/1 ([4]) għandha titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli ġenerali li jimplimentaw ir-Regolament (UE) 2018/1725 ir-rigward tal-BĊE. B'mod partikolari, tispeċifika r-regoli dwar il-ħatra u r-rwol tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-BĊE (UPD), inklużi l-kompiti, id-dmirijiet u s-setgħat tal-UPD.

2. Din id-Deċiżjoni tispeċifika wkoll ir-rwoli, il-kompiti u d-dmirijiet tal-kontrolluri u tal-koordinatur tal-protezzjoni tad-*data* u timplimenta r-regoli skont liema s-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kontrollur" tfisser il-BĊE, u b'mod partikolari l-unità organizzattiva tal-BĊE, li, waħdu jew flimkien ma' ħaddieħor, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali;

(2) "koordinatur tal-protezzjoni tad-*data*" tfisser membru tal-persunal tal-BĊE li jassisti lill-kontrollur u lill-UPD fit-twettiq tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 u din id-Deċiżjoni;

(3) "suġġett tad-*data*" tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli; persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur jew fatturi li jkunu speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika;

(4) "ipproċessar" tfisser ipproċessar kif iddefinit fil-punt (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(5) "istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni" tfisser istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni kif iddefinit fil-punt (10) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(6) "proċessur" tfisser proċessur kif iddefinit fil-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(7) "*data* personali" tfisser *data* personali kif iddefinit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(8) "kunsens" tfisser kunsens kif iddefinit fil-punt (15) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

([4]) Id-Deċizjoni BĊE/2007/1 tas-17 ta' April 2007 li tadotta regoli implimentattivi dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 116, 4.5.2007, p. 64).

TAQSIMA 2

L-UFFIĊJAL TAL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Artikolu 3

Kwistjonijiet ta' ħatra, status u organizzazzjoni

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu:

(a) jaħtar lill-UPD abbażi ta' kwalitajiet personali u professjonali u, b'mod partikolari, għarfien espert tal-liġi u l-prattiki dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kapaċità li jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u f'din id-Deċiżjoni;

(b) joħroġ kuntratt permanenti mhux konvertibbli għall-pożizzjoni tal-UPD għal perjodu ta' bejn tliet snin sa ħames snin, li jista' jiġi estiż għal-limitu ġenerali ta' għaxar snin, kif stabbilit fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew; u

(c) jirreġistra lill-UPD mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD) skont l-Artikolu 44(9) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiżgura li l-UPD ikun jista' jwettaq il-kompiti u d-dmirijiet imsemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2018/1725 b'mod indipendenti mingħajr ma jirċievi struzzjonijiet dwar kif jeżerċita l-kompiti tiegħu jew tagħha. Mingħajr preġudizzju għal tali indipendenza:

(a) l-UPD għandu jkun soġġett għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) għal finijiet amministrattivi u għall-fini li jiġi applikat il-qafas tal-impjieg tal-BĊE, l-UPD għandu jiġi allokat lid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Legali tal-BĊE;

(c) l-evalwatur tal-UPD għandu jikkonsulta mal-KEPD u jista' jitlob ukoll kontribut minn partijiet interessati oħra tal-BĊE, qabel ma jevalwa l-prestazzjoni mill-UPD tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu. L-UPD ma jġarrab l-ebda preġudizzju minħabba t-twettiq xieraq tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu jew tagħha;

(d) l-UPD huwa soġġett għal sensja mill-Bord Eżekuttiv jekk ma jibqax jissodisfa l-Kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu u jekk tali tkeċċija tkun irċeviet il-kunsens minn qabel tal-KEPD skont l-Artikolu 44(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Il-Bord Eżekuttiv jista' jaħtar Viċi UPD li għalih għandhom japplikaw il-paragrafi 1 u 2. Il-Viċi UPD għandu jappoġġa lill-UPD fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu, u jservi ta' Viċi f'każ tal-assenza tal-UPD.

4. Kull membru tal-persunal tal-BĊE li jipprovdi appoġġ lill-UPD fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* għandu jaġixxi biss fuq l-istruzzjonijiet tal-UPD u għandu jkun marbut bis-segretezza u l-kunfidenzjalità professjonali skont l-Artikolu 44(5) tar-Regolament (UE) 2018/1725 flimkien mal-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ.

5. Skont l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725, fuq talba tal-BERS, id-DPO jista' jkun awtorizzat li jissodisfa wkoll fir-rigward tal-BERS il-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 4

Kompiti tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

L-UPD għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u b'mod partikolari:

(a) jinforma u jagħti parir lill-Bord Eżekuttiv, lill-kontrolluri, lill-Kumitat tal-Persunal u lill-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data*, u jwieġeb għal konsultazzjonijiet minn kwalunkwe wieħed minnhom jew kwalunkwe suġġett tad-*data* dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-BĊE;

(b) jinvestiga kwistjonijiet u inċidenti relatati mal-protezzjoni tad-*data* fuq l-inizjattiva tal-UPD jew fuq talba tal-Bord Eżekuttiv, ta' kontrollur, tal-Kumitat tal-Persunal jew ta' kwalunkwe suġġett tad-*data*, u jirrapporta lura dwar l-investigazzjoni lil min ikun għamel it-talba;

(c) iżomm reġistru ċentrali bir-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar tal-BĊE skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni;

(d) tassisti lil kontrollur, fuq talba, fl-abbozzar ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u sottomissjonijiet għall-konsultazzjoni minn qabel tal-KEPD skont l-Artikoli 39 u 40 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(e) iwieġeb għat-talbiet mill-KEPD u, fl-isfera tal-kompetenza tiegħu, jikkoopera mal-KEPD;

(f) jikkoopera mal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data* ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, banek ċentrali nazzjonali u awtoritajiet kompetenti nazzjonali, b'mod partikolari billi: (i) jaqsam għarfien u kompetenza bbażati fuq l-esperjenza; (ii) jirrappreżenta lill-BĊE f'diskussjonijiet rilevanti relatati ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*, esklużi kawżi fil-qrati; u (iii) jipparteċipa f'kumitati u korpi interistituzzjonali;

(g) jiżgura b'mod indipendenti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1725 fil-BĊE bil-monitoraġġ tal-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725, ma' liġi oħra applikabbli tal-Unjoni li jkun fiha dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u mal-politiki tal-BĊE u tal-proċessuri tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, it-tqajjim ta' għarfien u t-taħriġ tal-membri tal-persunal tal-BĊE involuti f'operazzjonijiet ta' pproċessar u kwalunkwe awditjar relatat.

Artikolu 5

Is-setgħat tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 4, l-UPD:

(a) jista' jitlob informazzjoni minn kwalunkwe dipartiment responsabbli tal-BĊE dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kompiti u d-dmirijiet tal-UPD;

(b) għandu jkollu aċċess għad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata, għall-bini kollu tal-BĊE, u għall-informazzjoni, l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* u l-bażijiet tad-*data* kollha fi kwalunkwe ħin;

(c) jista' joħroġ opinjoni dwar il-legalità ta' operazzjonijiet ta' pproċessar attwali jew proposti, dwar il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li tali operazzjonijiet huma legali, u dwar l-idoneità jew l-adegwatezza ta' miżuri ta' protezzjoni tad-*data* jew dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-operazzjonijiet ta' pproċessar;

(d) jista' jġib għall-attenzjoni tal-Bord Eżekuttiv kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-*data*, inkluż il-falliment ta' membru tal-persunal tal-BĊE li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-BĊE;

(e) jista' jitlob li punti relatati mal-protezzjoni tad-*data* jiżdiedu mal-aġenda tal-Bord Eżekuttiv u jippreżenta d-dokumentazzjoni rilevanti lill-Bord Eżekuttiv għal dak il-għan;

(f) jista' jwettaq verifiki tal-konformità ta' operazzjonijiet ta' pproċessar ta' *data* mwettqa minn kontrollur jew f'isem kontrollur;

(g) jista' jirrestrinġi kwalunkwe pproċessar ta' *data* li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 jew ta' din id-Deċiżjoni jew ma' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*;

(h) jista' jinforma lill-KEPD dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-protezzjoni tad-*data* li teħtieġ il-kontribut jew il-gwida tal-KEPD.

Artikolu 6

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u proċedura ta' investigazzjoni

1. Kwalunkwe talba għal investigazzjoni taħt il-punt (b) tal-Artikolu 4 għandha tiġi indirizzata lill-UPD bil-miktub.

2. Fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, l-UPD għandu jibgħat konferma tar-riċevuta lil min jagħmel it-talba.

3. L-UPD jista' jinvestiga l-kwistjoni li tkun is-suġġett tat-talba fuq il-post u jitlob dikjarazzjoni bil-miktub mingħand kontrollur. Il-kontrollur rilevanti għandu jwieġeb lill-UPD fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba tal-UPD. L-UPD jista' jitlob informazzjoni jew assistenza addizzjonali minn kwalunkwe dipartiment responsabbli fi kwalunkwe ħin. Dak id-dipartiment responsabbli għandu jipprovdi tali informazzjoni jew assistenza addizzjonali fi żmien 20 jum tax-xogħol mit-talba tal-UPD.

4. L-UPD għandu jqis il-kwistjonijiet u l-fatti relatati mal-investigazzjoni b'mod imparzjali u b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Jekk jitqies xieraq u soġġett għall-paragrafu 5, l-UPD għandu jinforma lill-partijiet l-oħra kollha kkonċernati dwar l-investigazzjoni.

5. L-UPD għandu jiżgura li t-talba tibqa' kunfidenzjali u tiġi żvelata biss sal-punt meħtieġ għall-finijiet tal-investigazzjoni, sakemm is-suġġett tad-*data* kkonċernat ma jagħtix il-kunsens tiegħu biex it-talba ma tibqax kunfidenzjali.

6. L-UPD għandu jirrapporta lura lil min ikun għamel it-talba mhux aktar tard minn tliet xhur kalendarji wara li tkun waslet it-talba.

TAQSIMA 3

UFFIĊJAL TAL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*, KONTROLLURI U KOORDINATURI TAL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Artikolu 7

Kompiti u dmirijiet ta' kontrollur

1. Kontrollur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar li jinvolvu *data* personali li jitwettqu taħt il-qasam ta' responsabbiltà tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 u kwalunkwe dispożizzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-BĊE.

2. Kontrollur għandu jiżgura li l-UPD jiġi infurmat, mingħajr dewmien żejjed, b'dan li ġej:

(a) kwalunkwe kwistjoni li għandha, jew li jista' jkollha, implikazzjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*;

(b) kwalunkwe opinjoni, dokument, politika interna jew deċiżjoni interna li jista' jkollhom impatt fuq il-konformità tal-protezzjoni tad-*data* tal-BĊE, qabel l-adozzjoni;

(c) kwalunkwe ksur tad-*data* personali jew kwalunkwe inċident ieħor li jikkonċerna l-protezzjoni tad-*data*;

(d) kwalunkwe interazzjoni diretta ta' kontrollur mal-EDPS.

3. Kontrollur, għandu, b'mod partikolari:

(a) jikkonsulta mal-UPD b'mod f'waqtu dwar kwalunkwe attività relatata mal-ipproċessar ta' *data* personali jew kwalunkwe kwistjoni oħra dwar il-protezzjoni tad-*data*;

(b) iwettaq u japprova valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* f'kooperazzjoni mal-UPD u skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(c) jikkonforma ma' kwalunkwe politika interna rilevanti relatata mal-ipproċessar ta' *data* personali jew ma' kwalunkwe kwistjoni oħra dwar il-protezzjoni tad-*data*;

(d) iżomm, f'kooperazzjoni mal-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data*, rekords aġġornati b'mod regolari tal-attivitajiet ta' pproċessar skont l-Artikolu 31(5) tar-Regolament (UE) 2018/1725, billi juża l-mudell approvat mill-UPD.

4. Meta jassisti lill-UPD u lill-KEPD fit-twettiq ta' dmirijiethom, kontrollur għandu jipprovdi informazzjoni sħiħa lilhom, jagħtihom aċċess għal *data* personali u jwieġeb għal mistoqsijiet fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi talba.

Artikolu 8

Koordinaturi tal-protezzjoni tad-data

1. Il-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jassistu lill-kontrolluri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, jew fuq talba tal-kontrolluri jew fuq inizjattiva tagħhom stess. Il-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jikkoordinaw mal-kontrolluri, li għandhom jipprovdulhom l-informazzjoni kollha meħtieġa.

2. Il-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jassistu lill-UPD fi:

(a) l-identifikazzjoni tal-kontrollur rilevanti ta' operazzjonijiet ta' pproċessar relatati ma' *data* personali;

(b) il-promozzjoni u t-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-parir tal-UPD u l-appoġġ tal-kontrollur rilevanti taħt il-gwida tal-UPD;

(c) l-appoġġ tal-kontrollur rilevanti fiż-żamma ta' rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-iżgurar li r-rekords huma preċiżi u aġġornati;

(d) l-indirizzar ta' kwistjonijiet oħra li jikkonċernaw il-kompiti tal-UPD kif maqbula bejn l-UPD u l-ġestjoni tal-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data*.

3. B'mod ġenerali, koordinatur tal-protezzjoni tad-*data* għandu jkun speċjalista fil-ġestjoni tal-informazzjoni jew għandu jkollu l-kompetenza u/jew it-taħriġ rilevanti.

Artikolu 9

Reġistru ċentrali

1. Il-kontrolluri għandhom jissottomettu r-rekords tagħhom tal-attivitajiet ta' pproċessar lill-UPD li għandu jżomm ir-rekords f'reġistru ċentrali.

2. Ir-reġistru ċentrali għandu jservi bħala repożitorju tal-attivitajiet kollha tal-ipproċessar tad-*data* personali mwettqa fil-BĊE. Ir-reġistru ċentrali għandu jikkostitwixxi sors ta' informazzjoni għas-suġġetti tad-*data* u jiffaċilita l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Ir-reġistru ċentrali għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku. Ir-reġistru ċentrali għandu jkun fih, ta' mill-inqas, l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 10

Kontrolluri konġunti

1. L-obbligi rispettivi dwar il-protezzjoni tad-*data* ta' kwalunkwe kontrollur konġunt għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Fil-każ li l-BĊE jaġixxi bħala kontrollur konġunt flimkien ma' kontrollur wieħed jew aktar, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri konġunti għall-konformità mal-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jiġu ddeterminati b'arranġament bejniethom sakemm u safejn dawk ir-responsabbiltajiet ikunu ddeterminati mid-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalihom ikunu soġġetti l-kontrolluri konġunti.

TAQSIMA 4

ID-DRITTIJIET TAS-SUĠĠETTI TAD-*DATA*

Artikolu 11

L-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data

1. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jikkuntattjaw lill-kontrollur rilevanti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu eżerċitati biss mis-suġġett tad-*data* jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Dawn il-persuni jistgħu jeżerċitaw kwalunkwe minn dawn id-drittijiet mingħajr ħlas.

3. It-talbiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għandhom jiġu ppreżentati lill-kontrollur rilevanti bil-miktub jew, fejn xieraq, b'mezzi elettroniċi. Meta jirċievi talba mingħand suġġett tad-*data*, il-kontrollur rilevanti għandu jibgħat konferma tar-riċevuta lis-suġġett tad-*data* fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jipprovdilhom id-dettalji ta' kuntatt tal-UPD u jgħarrfuhom dwar il-possibbiltà li jippreżentaw ilment mal-KEPD u li jfittxu rimedju ġudizzjarju.

4. Jekk il-kontrollur rilevanti jkollu dubji raġonevoli dwar l-identità tas-suġġett tad-*data*, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, il-kontrollur rilevanti jista' jitlob l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jiġi identifikat is-suġġett tad-*data* jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Jekk is-suġġett tad-*data* jkun irrappreżentat minn rappreżentant awtorizzat, il-kontrollur rilevanti għandu jivverifika wkoll l-awtorizzazzjoni rilevanti. Il-kontrollur rilevanti jista' jitlob aktar informazzjoni mis-suġġett tad-*data* sabiex jiċċara t-talba tas-suġġett tad-*data* u jindirizzaha b'mod effettiv.

5. F'konformità mal-Artikolu 14(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-kontrollur rilevanti għandu jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-*data* dwar kwalunkwe azzjoni meħuda fir-rigward ta' talba mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar minn meta jirċievi t-talba. Fejn meħtieġ, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, filwaqt li jitqiesu l-kumplessità u l-għadd ta' talbiet tas-suġġetti tad-*data* riċevuti mill-kontrollur rilevanti. Il-kontrollur rilevanti għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* bi kwalunkwe estensjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba u għandu jipprovdi r-raġunijiet għad-dewmien.

6. Il-kontrollur rilevanti għandu jwieġeb għat-talba tas-suġġett tad-*data* bil-miktub, jekk xieraq, u jekk it-talba tas-suġġett tad-*data* tkun tressqet b'mezzi elettroniċi, il-kontrollur rilevanti għandu jipprovdi wkoll l-informazzjoni mitluba b'mezzi elettroniċi.

7. Is-suġġett tad-*data* jista' f'kull punt jikkuntattja lill-UPD, b'mod partikolari jekk:

(a) il-kontrollur rilevanti ma jirrispettax il-limiti ta' żmien fil-paragrafi 3 u 5;

(b) is-suġġett tad-*data* ma jkunx sodisfatt bl-azzjoni meħuda mill-kontrollur rilevanti;

(c) is-suġġett tad-*data* jixtieq iressaq ilment lill-KEPD.

L-UPD għandu jagħti pariri lill-kontrollur rilevanti dwar l-azzjoni xierqa.

8. Meta t-talbiet minn suġġett tad-*data* jkunu manifestament bla bażi jew eċċessivi, b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom, il-kontrollur rilevanti jista', wara li jkun ikkonsulta lid-DPO, jirrifjuta li jaġixxi fuq it-talba skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u għandu jinforma lis-suġġett tad-*data* b'dan.

Artikolu 12

Rimedji

Ir-rimedji disponibbli għall-membri tal-persunal tal-BĊE skont il-Kundizzjonijiet ta' Impjieg għall-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew ma għandhomx japplikaw għall-ilmenti dwar il-protezzjoni tad-*data*.

TAQSIMA 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Revoka

Id-Deċiżjoni BĊE/2007/1 hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Novembru 2020. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2007/1 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Mejju 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Deċiżjoni BĊE/2007/1	Din id-Deċiżjoni
Artikoli 1 sa 5	Artikoli 1 sa 5
Artikolu 6(1)	Artikolu 7(1)
—	Artikolu 7(2)
—	Artikolu 7(3)
Artikolu 6(2)	Artikolu 7(4)
Artikolu 6(3)(a)	Artikolu 8(1)
Artikolu 6(3)(b)	Artikolu 8(2)
Artikolu 7(1)	Artikolu 4(4)
Artikolu 7(2)	—
—	Artikolu 9(1)
Artikolu 8	Artikolu 9(2)
—	Artikolu 10
—	
Artikolu 9(1)	Artikolu 11(1)
Artikolu 9(1)(a)	Artikolu 11(2)
Artikolu 9(1)(b)	Artikolu 11(3)
Artikolu 9(1)(c)	—
—	Artikolu 11(4)
—	Artikolu 11(5)
—	Artikolu 11(6)
Artikolu 9(1)(d)	Artikolu 11(7)(a) u (b)
Artikolu 9(2)	Artikolu 11(7)(c)
Artikolu 10	—
Artikolu 11(1), (2) u (3)	Artikolu 6(1), (2) u (3)
—	Artikolu 6(4) u (5)
Artikolu 11(4)	Artikolu 6(6)
Artikolu 12	Artikolu 12
Artikolu 13	Artikolu 13